31993R2019

27.7.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 184/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (EEC) Nru 2019/93

tad-19 Lulju 1993

li jintroduċi miżuri speċifiċi għall-Gżejjer Aegean iż-żgħar rigward ċerti prodotti agrikoli

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42 u 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-propsta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi l-Kunsill Ewropew, meta ltaqa' f'Rodi fit-2 u t-3 ta' Diċembru 1988, rrikonoxxa l-problemi speċifiċi socjo-ekonomiċi esperjenzjati minn ċerti reġjuni gżejjer fil-Komunità; billi għandhom jiġu mplimentati miżuri sabiex jirrispondu għal dawn il-problemi speċifiċi;

Billi s-sitwazzjoni ġeografika eċċezzjonali fil-gżejjer Aegean fir-rigward tal-fonti ta' fornitura ta' ikel u prodotti agrikoli essenzjali għall-konsum ta' kuljum jew produzzjoni agrikola fuq il-gżejjer Aegean timponi spejjeż li jikkostitwixxu piż serju fuq is-setturi kkonċernati; billi dan il-piż naturali jista' jiġi paċut bl-introduzzjoni ta' arranġamenti speċifiċi ta' fornitura għal prodotti bażiċi essenzjali;

Billi l-kwantitajiet ta' prodotti li jibbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta' fornitura għandhom jiġu determinati fil-kwadru ta' bilanċi mbassra ta' fornitura li jistgħu jiġu aġġustati matul is-sena fuq il-bażi tal-ħtiġiet essenzjali tas-suq lokali waqt li jittieħed kont tal-produzzjoni lokali; billi, minħabba l-miżuri addottati sabiex jiġi inkoraġġit l-iżvilupp tal-produzzjoni lokali, dawn l-arranġamenti għandhom jiġu applikati fis-settur tal-frott u tal-ħxejjex matul perjodu ta' ħames snin u fuq bażi ta' tnaqqis;

Billi l-arranġamenti in kwistjoni huma maħsuba biex inaqqsu l-ispejjeż ta' produzzjoni u l-prezzijiet tal-konsumatur; billi għandu għalhekk isir monitoraġġ fuq l-impatt attwali tagħhom;

Billi, sabiex tiġi evitata kwalunkwe distorzjoni tal-kummerċ, il-prodotti koperti bl-arranġamenti speċifiċi ta' fornitura ma jistgħux jerġgħu jinbagħtu f'partijiet oħra tal-Komunità jew ri-esportati lejn pajjiżi terzi;

Billi ġestjoni u sistema ta' kontroll addattati u effettivi għandhom jiġu stabbiliti għall-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti;

Billi l-kondizzjonijiet speċifiċi ta' l-agrikoltura fil-gżejjer Aegean jeħtieġu attenzjoni speċjali; billi huma neċessarji miżuri kemm għall-allevament u prodotti ta' l-annimali kif ukoll għal-prodotti ta' l-uċuh;

Billi, għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp ta' l-allevament tradizzjonali fuq il-gżejjer, għandhom jingħataw premiums addizzjonali għas-simna ta' annimali bovini rġiel u għaż-żamma ta' baqar li jreddgħu u għajnuna għall-ħażna privata għandha tingħata għal ġobnijiet tradizzjonalment fabbrikati f'dawn il-gżejjer;

Billi għandhom jittieħdu miżuri fis-settur tal-frott u l-ħxejjex u t-tkabbir tal-fjuri sabiex isostnu u jżidu l-produzzjoni u jtejjbu l-produttività tar-razzett u l-kwalità tal-prodott;

Billi għandhom ukoll jittieħdu miżuri biex isostnu l-produzzjoni ta' patata għall-konsum uman u taż-żerriegħa tal-patata;

Billi sabiex tiġi sostnuta l-vitikultura tradizzjonali fuq dawn il-gżejjer, għandha tingħata għajnuna għad-dwieli li jipproduċu nbejjed ta' kwalità psr li jissodisfaw il-ħtiġiet stabbiliti f'regoli Komunitarji u jiffurmaw parti ta' programm ta' titjib fil-kwalità;

[1] ĠU C 56, tas-26.2.1993, p. 21.
[2] Opinjoni mogħtija fil-25 ta' Ġunju 1993 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali).
[3] Opinjoni mogħtija fis-26 ta' Mejju 1993 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali).

Billi, sabiex jiġu sostnut u nkorraġġit titjib fil-kwalità fil-produzzjoni lokali ta' nbejjed likuri ta' kwalità psr, għandha tingħata għajnuna biex tpaċi l-ispejjeż tal-ħażna għall-maturazzjoni ta' dawn il-prodotti;

Billi, sabiex jiġi megħjun l-appoġġ għat-tkabbir tradizzjonali taż-żebbuġ fuq il-gżejjer u sabiex jinżamm il-potenzjal tal-produzzjoni u sabiex tiġi ppriżervata l-kampanja u l-ambjent naturali, għajnuna għal kull ettaru għandha tingħata, sakemm l-imsaġar taż-żebbuġ jinżammu b'mod li jiggarantixxi produzzjoni regolari;

Billi t-trobbija tan-naħal hija settur marbut maż-żamma tal flora mportanti u fraġili fil-gżejjer Aegean waqt li fl-istess ħin tipprovdi lill-abitanti bi dħul addizzjonali; billi, għalhekk, dik l-attività tradizzjonali għandha tkun appoġġata permezz ta' għoti ta' għajnuna biex tgħin fit-tnaqqis ta' l-ispejjeż għolja ta' produzzjoni; billi dik l-għajnuna għandha tingħata bħala parti mill-inizjattivi għat-titjib tal-kondizzjonijiet tas-suq għall-għasel li għandhom jitwettqu minn assoċjazzjonijiet ta' produtturi; billi, f'antiċipazzjoni ta' l-istabbiliment ta' dawn l-assoċjazzjonijiet, ammont limitat ta' għajnuna għandu jiġi allokat lill-produtturi kollha ta' l-għasel għall-perjodu ristrett;

Billi l-irziezet fuq il-gżejjer Aegean jippreżentaw djufija strutturali maġġuri li minnha jirriżultaw diffikultajiet speċifiċi; billi numru ta' derogi huma għalhekk neċessarji biex jiffurmaw ir-regoli li jirrestringu jew jipprojbixxu l-għoti ta' ċerti forom ta' għajnuna strutturali;

Billi ċerti miżuri strutturali essenzjali għall-iżvilupp ta' l-agrikoltura fuq il-gżejjer Aegean in kwistjoni huma ffinanzjati taħt kwadri Komunitarji ta' sostenn sabiex jippromwovu l-iżvilupp u l-aġġustament strutturali ta' reġjuni li l-iżvilupp tagħhom waqa' lura (mira 1) skond l-Artikoli 130a u 130ċ tat-Trattat;

Billi l-problemi esperjenzati mill-gżejjer Aegean huma aċċentwati bin-nuqqas ta' daqs tal-gżejjer; billi, sabiex jiġu diretti l-prijoritajiet u tiġi garantita l-effettività tal-miżuri maħsuba, dawn għandhom jiġu applikati biss lil gżejjer b'popolazzjonijiet li ma jaqbżux il-100 000 abitant, magħrufa bħala l-'gżejjer iż-żgħar',

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabilixxi miżuri speċifiċi biex jirrimedjaw, fir-rigward ta' ċerti prodotti agrikoli u mezzi ta' produzzjoni agrikola, id-diffikultajiet ikkawżati min-natura remota u insulari tal-gżejjer Aegean iż-żgħar, hawnhekk iżjed il-quddiem magħrufa bħala 'l-gżejjer iż-żgħar'.

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament 'il-gżejjer iż-żgħar' huma kwalunkwe gżira fil-Baħar Aegean li l-popolazzjoni permanenti tagħha ma teċċedix il-100 000 abitant.

It-TITOLU I

Arranġamenti speċifiċi ta' fornitura

Artikolu 2

Għal kull sena kalendarja, bilanċi mbassra ta' fornitura għandhom jiġu stabbiliti għall-prodotti agrikoli neċessarji għall-konsum uman u għall-mezzi bażiċi meħtieġa għall-produzzjoni agrikola elenkata fl-Anness hawn mehmuż. Dawn il-bilanċi jistgħu jiġu riveduti kull sena fuq il-bażi tax-xejriet fil-ħtiġiet tal-gżejjer iż-żgħar.

Artikolu 3

1. Taħt l-arranġamenti msemmija f'dan it-Titolu, għandhom jingħataw għajnuniet għall-fornitura lill-gżejjer iż-żgħar tal-prodotti elenkati fl-Anness hawn mehmuż, b'kont partikolari tal-ħtiġiet speċifiċi ta' dawk il-gżejjer u, meta l-prodotti jkunu ikel, il-ħtiġiet preċiżi tal-kwalità u dawk kwantitattivi. L-arranġamenti ta' fornitura għandhom jiġu mplimentati b'tali mod li ma jfixklux l-iżvilupp potenzjali tal-prodotti lokali.

2. L-għajnuna għandha tiġi ffissata bħala somma grossa għal kull grupp ta' gżejjer fuq il-bażi ta' l-ispejjez tat-tqegħid fis-suq kalkolati mill-portijiet tal-kontinent tal-Greċja li minnhom normalment jintbagħtu l-forniturі.

Għajnuna għal frott u ħxejjex għandha titħallas għall-perjodu ta' ħames snin mill-1993. L-għajnuna għall-1994, 1995, 1996 u 1997 għandha tiġi ffissata fi 80 %, 60 %, 40 % u 20 % rispettivament ta' l-ammont applikabbli fl-1993.

90 % ta' l-ammont ta' għajnuna għandu jiġi ffinanzjat mill-Komunità u 10 % mill-Istati Membri in kwistjoni.

3. Kondizzjoni għall-benefiċċju mill-arranġamenti għandha tkun dik li l-vantaġġi jkunu attwalment mgħoddija lill-utent aħħari.

4. Il-prodotti koperti bl-arranġamenti speċifiċi ta' fornitura previsti f'dan it-Titolu ma jistgħux jiġu ri-esportati lil pajjiżi terzi jew jerġgħu jintbagħtu lill-bqija tal-Komunità.

5. Prodotti koperti bl-arranġamenti speċifiċi ta' fornitura u prodotti proċessati minnhom m'għandhomx ikunu eliġibbli għal rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni mill-gżejjer iż-żgħar.

Artikolu 4

Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan it-Titolu għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [1] jew l-Artikoli li jikkorrispondu tar-regolamenti dwar l-organizzjoni komuni tas-swieq fis-setturi kkonċernati.

[1] ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.

Għandhom ikopru b'mod partikolari:

— id-determinazzjoni tal-kwantitajiet ta' prodotti koperti bl-arranġamenti ta' fornitura,

— l-ammonti ta' għajnuna,

— id-dispożizzjonijiet għall-assigurazzjoni ta' monitoraġġ effettiv u li l-vantaġġi jkunu attwallment mgħoddija lill-utent aħħari.

It-TITOLU II

Miżuri għas-sostenn ta' prodotti lokali

Artikolu 5

L-għajnuniet previsti f'dan it-Titolu għandhom jingħataw għas-sostenn ta' attivitajiet tradizzjonali, titjib fil-kwalità ta' u l-iżvilupp ta' prodotti lokali skond il-ħtiġiet tas-swieq fuq il-gżejjer in kwistjoni u għar-rivitalizzazzjoni ta' ċerti attivitajiet agrikoli li huma vokazzjoni tradizzjonali u naturali fuq il-gżejjer in kwistjoni.

Artikolu 6

1. L-għajnuniet li ġejjin għandhom jingħataw lis-settur ta' l-allevament:

— għajnuna għat-tismin ta' annimali bovini maskili, li għandha tirrappreżenta suppliment ta' 40 ECU kull ras għall-premium speċjali previst fl-Artikolu 4b tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella ([1]); is-suppliment jista' jingħata fir-rigward ta' annimal ta' piż minimu li għandu jiġi determinat skond il-proċedura prevista fil-paragrafu 3,

— suppliment għall-premium għall-manutenzjoni ta' baqar li jreddgħu previst fl-Artikolu 4d tar-Regolament (KEE) Nru 805/68, li għandu jitħallas lil produtturi taċ-ċanga u l-vitella; l-ammont ta' dan is-suppliment għandu jkun 40 ECU għal kull baqra li tredda' miżmum mill-produttur fil-jum li fih tintbagħat l-applikazzjoni sa massimu ta' 40 ras għal kull azjenda.

2. L-għajnuna għandha tingħata għall-ħażna privata ta' ġobnijiet iffabbrikati lokalment:

— Feta, mill-inqas xahrejn,

— Graviera, ta' mill-inqas tlett xhur,

— Ladotyri, ta' mill-inqas tlett xhur,

— Kefalograviera, ta' mill-inqas tlett xhur.

L-ammont ta' għajnuna għandu jiġi iffissat skond il-proċedura msemmija fil-paragrafu 3.

3. Il-Kummissjoni għandha taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi dispożizzjonijiet ta' kontroll, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u prodotti tal-ħalib ([2]) jew dik stabbilita fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 805/68, skond il-każ.

Artikolu 7

1. Għajnuna għal kull ettaru għandha tingħata lil produtturi u gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet rikonoxxuti skond l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 Mejju 1972 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex ([3]) u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/78 tad-19 ta' Ġunju 1978 dwar gruppi ta' produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom ([4]) rispettivament li jintrabtu li jwettqu programm ta' inizjattivi, approvat mill-awtoritajiet kompetenti, bl-iskop ta' l-iżvilupp u/jew id-diversifikazzjoni tal-produzzjoni u/jew it-titjib fil-kwalità tal- frott, ħxejjex u fjuri elenkati fil-Kapitoli 6, 7 u 8 tan-nomenklatura kkombinata. L-inizzjattivi eliġibbli għandhom ifittxu b'mod partikolari li jiżviluppaw il-produzzjoni u l-kwalità tal-prodott, partikolarment permezz tal-konverżjoni tal-varjetà u titjib fl-uċuh. Dawn l-inizjattivi għandhom jiffurmaw parti ntegrali tal-programmi mwettqa tul ta' l-anqas tlett snin.

L-għajnuna għandha tingħata għal programmi li jkopru arja minima ta' 0,3 ettari.

2. L-ammont ta' għajnuna Komunitarja għandu jkun massimu ta' 500 ECU/ha jekk l-Istat Membru jipprovdi finanzjar uffiċċjali ta' mill-anqas 300 ECU/ha u l-kontribuzzjoni tal-produttur individwali jew tal-grupp tkun tammonta għal ta' l-anqas 200 ECU/ha. Jekk il-kontribuzzjonijiet ta' l-Istat Membru u/jew tal-produtturi jkunu anqas mill-ammonti speċifikati, l-għajnuna Komunitarja għandha titnaqqas proporzjonalment.

L-għajnuna għandha titħallas kull sena ta' l-esekuzzjoni tal-programm, għall-perjodu li ma jeċċedix it-tlett snin.

3. L-għajnuna għandha tiżdied b'100 ECU/ha meta l-programm ta' inizjattivi jintbagħat u jitwettaq minn grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi u meta, għall-implimentazzjoni tiegħu, rikors għall-għajnuna teknika jkun maħsub. L-għajnuna addizzjonali għandha tingħata fir-rigward ta' programmi li jinvolvu arja minima ta' 2 ha.

([1]) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 747/93 (ĠU L 77, tal-31.3.1993, p. 15).

([2]) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2071/92 (ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 64).

([3]) ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1. IR-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 746/93 (ĠU L 77, tal-31.3.1993, p. 14).

([4]) ĠU L 166, tat-23.6.1978, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 746/93 (ĠU L 77, tal-31.3.1993, p. 14).

4. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-produzzjoni ta' patata għall-konsum uman li taqa' fil-kodiċi NM 0701 90 51, 0701 90 59 u 0701 90 90 jew il-produzzjoni ta' patata taż-żriegħ li taqa' fil-kodiċi NM 0701 10 00, lanqas għall-produzzjoni ta' tadam li jaqa' fil-kodiċi NM 0702.

5. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi dispożizzjonijiet ta' kontroll, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 [1].

Artikolu 8

1. Għajnuna għal kull ettaru għandha tingħata kull sena għall-koltivazzjoni ta' patata għall-konsum uman li taqa' fil-kodiċi NM 0701 90 51, 0701 90 59 u 0701 90 90 u għall-koltivazzjoni ta' patata taż-żriegħ li taqa' fil-kodiċi NM 0701 10 00.

L-għajnuna għandha titħallas fir-rigward ta' arji koltivati u maħsuda sa massimu ta' 3 200 ha kull sena.

2. L-ammont ta' għajnuna annwali għandu jkun ta' 500 ECU/ha.

3. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi dispożizzjonijiet ta' kontroll, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2358/71 tas-26 ta' Ottubru 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żrieragħ.

Artikolu 9

1. Għajnuna uniformi għal kull ettaru għandha tingħata għall-koltivazzjoni kontinwa ta' dwieli u għall-produzzjoni ta' nbejjed ta' kwalità psr fiż-żoni tradizzjonali tat-tkabbir ta' l-inbid.

L-għajnuna għandha titħallas fir-rigward ta' l-arji:

(a) miżrugħa b'varjetajiet inklużi fil-lista ta' varjetajiet ta' dielja adattati għall-produzzjoni ta' kull wieħed mill-inbejjed ta' kwalità psr prodott li jappartjenu għall-kategoriji rakkomandati jew awtorizzati msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 tas-16 ta' Marzu 1987 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid [2];

(b) u li fuqhom il-produzzjoni kull ettaru tkun taħt il-limitu massimu ffissat mill-Istat Membru, espress fi kwantitajiet ta' għeneb, most ta' l-egħneb jew inbid, bla ħsara għall-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 823/87 tas-16 ta' Marzu 1987 li jistabilixxi dispożizzjonijiet speċjali li jirrelataw għal inbejjed ta' kwalità prodotti f'reġjuni speċifiċi [3]

2. L-għajnuna għandha tammonta għal 400 ECU/ha. Missena ta' l-inbid 1997/98, l-għajnuna għandha tingħata esklussivament lil gruppi jew organizzazzjonijiet ta' produtturi li jibdew miżura għat-titjib tal-kwalità ta' l-inbejjed prodotti skond programm approvat mill-awtoritajiet kompetenti; il-programm għandu jinkludi b'mod partikolari l-mezzi għat-titjib tal-vinifikazzjoni, il-ħażna u l-kondizzjonijiet ta' distribuzzjoni.

3. L-Artikoli 32, 34, 38, 39, 41, 42 u 46 tar-Regolament (KEE) Nru 822/87 u tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1442/88 ta' l-24 ta' Mejju 1988 dwar l-għoti, għas-snin ta' l-inbid 1988/89 sa 1995/96, ta' premiums permanenti ta' abbandun fir-rigward ta' żoni tat-tkabbir ta' l-inbid [4] m'għandhomx japplikaw għal arji jew għal prodotti ottenuti minn arji li fir-rigward tagħhom titħallas l-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1.

4. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati, kif neċessarju, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 83 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87. Għandhom jikkonċernaw b'mod partikolari il-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-programm imsemmi fil-paragrafu 2 u għad-dispożizzjonijiet ta' kontroll.

Artikolu 10

1. L-għajnuna għandha tingħata għall-immaturar ta' nbejjed likuri ta' kwalità prodotti lokalment b'mod tradizzjonali li jinvolvu proċess ta' maturazzjoni ta' mhux anqas minn sentejn. L-għajnuna għandha titħallas matul it-tieni sena tal-maturazzjoni sa kwantità massima ta' 40 000 hl kull sena.

L-ammont ta' għajnuna għandu jiġi stabbilit f'0,02 ECU/hl kuljum.

2. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati, kif neċessarju, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 83 tar-Regolament (KEE) Nru 822/87.

Artikolu 11

1. Għajnuna uniformi annwali għal kull ettaru għandha tingħata għall-manutenzjoni ta' msaġar taż-żebbuġ f'żoni tradizzjonali tat-tkabbir taż-żebbuġ, sakemm dawk l-imsaġar taż-żebbuġ jinżammu u jiġu mantnuti f'kondizzjonijiet tajba ta' produzzjoni.

L-ammont ta' għajnuna għandu jkun ta' 120 ECU/ha.

2. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 136/66 tat-22 ta' Settembru 1966 dwar l-istabbiliment ta' organizzazzjoni komuni fiż-żjut u x-xaħmijiet [5]. B'mod partikolari għandhom jiffissaw il-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti ta' għajnuna msemmija fil-paragrafu 1, il-kondizzjonijiet għaż-żamma adattata ta' l-imsaġar taż-żebbuġ u d-dispożizzjonijiet ta' kontroll.

[1] ĠU L 246, tal-5.11.1971, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3695/92 (ĠU L 374, tat-22.12.1992, p. 40).
[2] ĠU L 84, tas-27.3.1987, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1566/93 (ĠU L 154, tal-25.6.1993, p. 39).
[3] ĠU L 84, tas-27.3.1987, p. 59. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3896/91 (ĠU L 368, tal-31.12.1991, p. 3).
[4] ĠU L 132, tat-28.5.1988, p. 3. IR-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 833/92 (ĠU L 88, tat-3.4.1992, p. 16).
[5] ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66. IR-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2046/92 (ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 1).

Artikolu 12

1. L-għajnuna għandha tingħata għall-produzzjoni ta' għasel ta' kwalità speċifiku għall-gżejjer Aegean li jkun fih proporzjon kbir ta' għasel tas-sagħtar.

L-għajnuna għandha titħallas lill-gruppi ta' produtturi ta' l-għasel, rikonoxxuti skond ir-Regolament (KEE) Nru 1360/78 abbażi tan-numru ta' xhediet irreġistrati ta' produzzjoni, li jintrabtu li jimplimentaw programmi annwali ta' inizjattivi maħsuba sabiex itejjbu l-kondizzjonijiet li taħthom l-għasel ta' kwalità jitqiegħed fis-suq u jiġi promoss.

L-ammont ta' għajnuna għandu jkun iffissat f'10 ECU għal kull xeheda ta' produzzjoni rreġistrata kull sena.

2. Għal perjodu transitorju ta' massimu ta' sentejn bl-iskop ta' l-istabbiliment u r-rikonoxximent tal-gruppi msemmija fil-paragrafu 1, l-għajnuna għandha titħallas lil kull persuna li żżomm in-naħal u jkollha ta' l-anqas 10 xhediet ta' produzzjoni.

Għal dan il-każ partikolari, l-ammont ta' għajnuna għandu jkun iffissat f'7 ECU għal kull xheda ta' produzzjoni rreġistrata.

3. L-għajnuna msemmija fi-paragrafi 1 u 2 għandha tingħata għal massimu ta' 50 000 u 100 000 xeheda fis-sena rispettivament.

4. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi dispożizzjonijiet ta' kontroll, meta neċessarju, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd [1].

It-TITOLU III

Derogi applikabbli għal miżuri strutturali

Artikolu 13

1. Minkejja l-Artikoli 5, 6, 7, 10 u 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2328/91 tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-titjib fl-effiċjenza ta' strutturi agrikoli [2], għajnuna ta' nvestiment għalażjendi agrikoli fuq il-gżejjer Aegean in kwistjoni għandha tingħata taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) minkejja l-Artikolu 5(1)(a), l-iskema ta' għajnuna ta' nvestiment prevista fl-Artikoli 5 sa 9 tar-Regolament imsemmi hawn fuq tista' tiġi applikata fuq il-gżejjer Aegean in kwistjoni għall-bdiewa li, għalkemm ma jipprattikawx il-biedja bħala l-attività prinċipali tagħhom, jottjenu mill-anqas 25 % tad-dħul tagħhom minn xogħol tal-biedja mwettaq fl-ażjenda u li l-ażjenda tagħhom ma teħtieġx l-ekwivalenti ta' aktar minn MWU wieħed, sakemm l-investimenti maħsuba ma jeċċedix 25 000 ECU. Bl-eċċezzjoni ta' speċjalitajiet lokali il-produzzjoni kollha ta'l-ikel għandha tkun ristretta għall-konsum lokali;

(b) l-awtorizzazzjoni li tikkonċerna ż-żamma ta' kontijiet simplifikati previsti fl-Artikolu 5(1)(d) għandha tapplika;

(ċ) il-produzzjoni tal-majjali fuq azjendi tal-familja m'għandhiex tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(4); madankollu, l-kondizzjonijiet imsemmija fl-aħħar subparagrafu ta' dak il-paragrafu li, mat-tlestija tal-pjan, ta' l-anqas l-ekwivalenti ta' 35 % tal-kwantità ta' l-għalf ikkunsmat mill-majjali jista' jiġi prodott fl-ażjenda għandha tiġi sostitwita b'figura ta' 10 %;

(d) fir-rigward tal-produzzjoni tal-bajd u t-tjur, il-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 6(6) m'għandhiex tapplika għal irziezet tal-familja;

(e) minkejja l-Artikolu 7(2)(a) u (b), il-valur massimu ta' għajnuna ta' nvestiment għandu jkun ta' 55 % sew jekk l-investiment ikun f'kapital fiss sew jekk le.

Id-dispożizzjonijiet f'(ċ), (d) u (e) hawn fuq għandhom japplikaw biss sakemm il-produzzjoni ta' bhejjem titwettaq f'mod kompatibbli mal-benessri ta' l-annimali u mal-ħtiġiet ta' protezzjoni ambjentali u sakemm il-produzzjoni tkun għas-suq domestiku fuq il-gżejjer in kwistjoni.

2. Fir-rigward ta' l-istallazzjoni ta' bdiewa żgħar, il-kondizzjoni prevista fl-aħħar inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2328/91 m'għandhiex tapplika.

3. Minkejja l-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2328/91, fil-każ ta' biedja tal-bhejjem ta' l-ifrat, l-ammont ta' ħlas ta' kumpens imsemmi fl-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament jista' jittella għal 180,5 ECU għal kull LU bla ħsara għal ammont massimu ta' 3 540 ECU għal kull azjenda għall-1993, li għandu jiġi aġġornat bil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KEE) Nru 4253/88 [3].

4. Minkejja l-Artikolu 19(1)(b) (iii), il-ħlas ta' kumpens imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2328/91 jista' jingħata fuq il-gżejjer għall-uċuh kollha, sakemm ikunu kkoltivati b'mod kompatibbli mal-ħtiġiet ta' protezzjoni ambjentali u bla ħsara għal ammont massimu ta' 3 540 ECU għal kull azjenda għall-1993, li għandu jiġi aġġornat bil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KEE) Nru 4253/88.

[1] ĠU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EEC) Nru 1235/89 (ĠU Nru L 128, tal-11.5.1989, p. 29).

[2] ĠU L 218, tas-6.8.1991, p. 1. IR-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 870/93 (ĠU L 91, tal-15.4.1993, p. 10).

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (EEC) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988, li jistabilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet tal-fondi strutturali differenti bejniethom u ma' l-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment u l-istrumenti finanzjarji oħra eżistenti (ĠU L 374, tal-31.12.1988, p. 1).

B'żieda, il-baqar li l-ħalib tagħhom huwa maħsub għas-suq domestiku tar-reġjun jistgħu jittieħdu in konsiderazzjoni għall-kalkolu tal-ħlas ta' kumpens fl-arji kollha tar-reġjun speċifikati fl-Artikolu 3(4) u (5) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/268/KEE tat-28 ta' April 1975 dwar il-biedja fuq il-muntanji u l-għoljiet f'ċerti arji anqas iffavoriti [1], sa massimu ta' 20 unità ta' bhejjem.

5. Il-Kummissjoni, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88:

(a) għandha tadotta l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu;

(b) tista' tiddeċiedi, għall-għejjer iż-żgħar fuq talba ġustifikata mill-awtoritajiet kompetenti, li tidderoga mit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 17(3) ta' dak ir-Regolament bl-iskop li tawtorizza żieda fir-rata ta' finanzjar Komunitarju 'l fuq mill-limitu pprovdut għal investimenti f'ċerti setturi ta' l-ipproċessar u tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli maħsuba biex itejjbu l-livell ta' għajxien ta' l-abitanti.

It-TITOLU IV

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 14

Il-miżuri previsti fit-Titoli I u II ta' dan ir-Regolament għandhom jikkostitwixxu miżuri ta' intervent maħsuba sabiex jistabbilizzaw is-swieq agrikoli fis-sens ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 tal-21 ta' April 1970 dwar l-iffinanzjar tal-politika komuni agrikola [2].

Artikolu 15

1. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, akkumpanjati meta approprjat bi proposti li jikkonċernaw kwalunkwe miżuri ta' aġġustament li jistgħu ikunu neċessarji sabiex jintlaħqu l-miri ta' dan ir-Regolament.

2. Fit-tmiem tat-tielet sena ta' l-applikazzjoni ta' l-arranġamenti speċifiċi ta' fornitura, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ġenerali dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-għejjer Aegean, li jkun juri l-impatt tal-miżuri meħuda skond dan ir-Regolament.

Fid-dawl tal-konklużjonijiet tar-rapport, il-Kummissjoni għandha tibgħat, fejn dan jirriżulta neċessarju, aġġustamenti approprjati, inkluż, jekk ikun il-każ, tnaqqis fil-livell ta' ċerta għajnuna u/jew l-istabbiliment ta' limiti temporanji.

Artikolu 16

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Lulju 1993.

Għall-Kunsill

Il-President

A. BOURGEOIS

[1] ĠU L 128, tad-19.5.1975, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 797/85 (ĠU L 93, tat-30.3.1985, p. 1).

[2] ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 746/93 (ĠU L 185, tal-15.7.1988, p. 1).

L-ANNESS

Lista ta' prodotti koperti bl-arranġamenti speċifiċi ta' fornitura taħt it-Titolu I għall-gżejjer Aegean iż-żgħar

Deskrizzjoni	Kodiċi NM
Prodotti tal-ħalib	
– Jogurt	0403 10
Zokkor	1701
Dqiq tal-qamħ	1101 u 1102
Ħaxix (għall-1993 sa l-1997)	0701 sa 0709
Frott (għall-1993 sa l-1997	
– Frott taċ-ċitru, frisk	ex 0805
– Eġħneb	0806 10
– Tuffieħ	0808 10 91 sa 0808 10 99
– Lanġas	0808 20 31 sa 0808 20 39
– Berquq, ċirasa, ħawħ (inklużi nettarini), għajnbaqar u pruni, friski	0809
– Frawli	0810 10
– Bettiegħ, dulliegħ	0807 10
– Tin, frisk	0810 90 10
– Kiwi	0804 20 10
Għalf	
– Ċereali	
– qamħ	1001
– segala	1002
– qamħirrum	1003
– ħafur	1004
– majż	1005
– Lucerne u prodotti ta' l-għalf	1214
– Residwi u skart mill-industriji ta' l-ikel	2302 sa 2308
– Preparati ta' til użat fl-għalf għall-annimali	2309 90